MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 173/1993/2

**Julian Sammut u Ian Mizzi bhala diretturi, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Berkeley Limited.**

**vs**

**Mary sive Marlene Mizzi u zewgha l-Magistrat Dottor Antonio Mizzi**
**bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Is-socjeta` Berkeley Limited kif dakinhar rapprezentata kienet harrket lir-rittrattandi konjugi Mizzi b'azzjoni ghall-hlas ta' kreditu dovut lilha u l-konvenuti kienu kkontestaw it-talbiet u ghamlu kontro-talba. Inghatat decizjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili in data tat-28 ta' Ottubru 1998 u l-konjugi Mizzi interponew appell minn dik id-decizjoni. Il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza taghhom tal-5 ta' Ottubru 2001 ikkonfermat l-ewwel talba tas-socjeta` attrici dwar kreditu dovut lilha fl-ammonti ta' Lm5,010.43c8m; irrevokatha fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba tas-socjeta` attrici dwar interessi ta' Lm865.74c9m, billi cahdet tali pretensjoni; irrevokatha fejn cahdet il-kontrotalba tal-konvenuti (odjerni ritrattandi), u minflok, u fis-sens riferit fil-korp ta' dik is-sentenza, laqghet l-ewwel tlett (3) talbiet kontenuti fl-istess kontro-talba billi kkwantifikat id-danni relattivi fis-somma ta' Lm900. Din is-somma kellha ghalhekk tigi kkompensata mill-kapital ta' Lm5,010.13c8m, dovuta lis-socjeta` attrici, biex b'hekk il-konvenuti kellhom ihallsuha s-somma bilancjali ta' Lm4,110.43c8m – bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-att tac-citazzjoni. L-ispejjez gudizzjarji kollha tal-kawza kellhom jigu sopportati in kwantu ghal kwint mis-socjeta` attrici u kwantu ghal erba' kwinti mill-konvenuti. F'dak is-sens allura s-sentenza appellata giet riformata minn dik il-Qorti.

**<u>L-ARTIKLU U S-SUBINCIZI TAL-LIGI LI FUQHOM HIJA BBAZATA IR-RITRATTAZZJONI MITLUBA MILL-KONVENUTI MIZZI</u>**

2. Il-konvenuti konjugi Mizzi, gia` appellanti fl-imsemmija kawza, ressqu talba ghall-fini ta' ritrattazzjoni a bazi tas-subincizi (i), (e), (f), (g), u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikun utli li dawn id-disposizzjonijiet – fl-ordni segwita mill-parti ritrattandi – jigu hawn taht riportati testwalment:

"811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-

- omissis-

(i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin;

X X X

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

(f) jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba;

(g) jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab;

- omissis-

(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza;

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt, li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza".

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

3. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji tar-ritrattandi ikun tajjeb li jinzammu prezenti certi principji fundamentali li jemanaw mill-istitut tar-ritrattazzjoni. Dan huwa mehtieg ghaliex fl-ewwel lok irid jigi ezaminat jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni, kif immotivata, hijiex ammissibbli jew le.

4. Gie kemm-il darba ritenut li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikant jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk, jista' jigi invokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u inoltre, id-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Konsegwentement, ma jistax jigi permess lil ebda wiehed mill-partijiet li, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jipprova jikkreja ghalih tribunal ghat-tielet istanza (ara wkoll, in propozitu d-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: <u>AIC Joseph Barbara – vs – Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici</u> moghtija fis-17 ta' Frar 2003).

**<u>L-EWWEL MOTIV TA' RITRATTAZZJONI BBAZAT FUQ L-ART. 811(i)</u>**

5. Skond ir-ritrattandi, is-sentenza hemm fiha disposizzjonijiet kontra xulxin kif previst fl-Art. 811(i), kwindi hija ritrattabbli. Filwaqt li l-Qorti ta' l-Appell irriteniet li dwar il-kummissjoni dovuta lir-ritrattanda Marlene Mizzi hemm konflitt ta' provi u li kull deroga mill-ftehim milhuq bejn il-kontendenti kellha tigi ppruvata minn min jallega li din il-kummissjoni kellha tkun f'percentwal anqas spiccat biex finalment iddecidiet bil-kontra. Dana billi, skond ir-ritrattandi, fil-mod kif iddecidiet il-Qorti ta' l-Appell
"hemm kontradizzjoni car (<u>recte</u> cara) .... billi fl-istess decizjoni qalet sija li l-konvenuti kienu intitolati ghall-kummissjoni ta' 25% sija wkoll li ma kienux. Id-disposizzjonijiet tal-Qorti fir-rigward ma jistghux jghixu ma' xulxin u la darba l-Qorti kkonkludiet li kienet dovuta kummissjoni lill-konvenuti, bir-rata ta' 25% kien obbligu taghha li tghaddi ghal-likwidazzjoni fuq l-istess kummissjoni".

6. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtijia mill-Qorti ta' l-Appell u, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mir-ritrattandi, ma jidhrilhiex li hemm dawk il-kontradizzjonijiet kif esposti minnhom. Minn punto di vista ta' procedura, din il-Qorti ma rriskontrat xejn fis-sentenza in ezami illi tammonta ghal "disposizzjonijiet kontra xulxin". Minn ezami tal-partijiet rilevanti jirrizulta, invece, li

l-Qorti ta’ l-Appell ta’ dakinhar filwaqt li kkoncediet li l-aggravju ta’ l-appellanti (odjerni ritrattandi) f’dan ir-rigward “kien in parti gustifikat” u li dwar din il-kwistjoni “hemm konflitt fil-provi” u li bhala principju “kull deroga minn dak il-ftehim bil-miktub kellha tigi pprovata minn min jallega li kellu d-dritt illi jhallas kummissjoni anqas” – haga li kienet tispetta lill-appellati li jaghmluha - u “f’kaz li jibqa’ jissussisti d-dubju u dan kellu jmur favur l-appellanti”, b’danakollu, dik il-Qorti xorta wahda u b’mod esplicitu kompliet telabora hekk,
“Anke hawn pero`, din il-Qorti hi perturbata mill-fatt illi minn imkien ma jirrizulta illi l-appellanti ghamlu xi reklami mas-socjeta` attrici dwar dan il-fatt qabel ma giet istitwita din il-kawza u anqas u anqas fil-mument meta kienet dovuta l-kummissjoni fiz-zmien tas-‘*sales*’ minn sena ghal ohra. Kien ukoll ghalhekk li l-ewwel Qorti dehrilha mhux bla raguni illi kellha taccetta s-sottomissjoni ta’ l-appellati nomine illi kienu uzwali u kummercjalment accettat illi fiz-zmien tas-‘*sales*’, il-persentagg tal-profitt ikun sewwa ridott”.

Mis-suespost ghalhekk kjarament isegwi illi, indipendentement mill-fatt dwar jekk xi naha mill-partijiet kuntendenti taqbilx jew le ma’ tali kostatazzjonijiet, wara li ghamlet analizi u hadet kont ta’ l-argumenti u provi kemm ta’ naha kif ukoll ta’ ohra, finalment il-Qorti ta’ Appell iffavoriet it-tezi attrici. Ma hemm allura xejn kontradittorju bejn tali konkluzjoni, imqar jekk il-parti konvenuta ghadha thoss li hija konkluzjoni ingusta, u dak li gie effettivament deciz fis-sentenza meritu ta’ din il-procedura. Kif inghad mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: Carmelo Busuttil – vs – Mary Gauci et (Koll. Vol. LXXX-11-188),
“Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta (pero`) fid-dizpozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta’ l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni”

Minn ezami tas-sentenza de quo din il-Qorti ma rriskontrat ebda dispozizzjonijiet fiha tali “li ma jkunux jistghu jigi esegwiti kollha” kif gie wkoll ritenut f’decizjoni ohra mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Bezzina (Koll. Vol. XLIII – 1 – 264).

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

<u>It-tieni motiv ta' ritrattazzjoni bbazat fuq l-Artikolu 811 sub-incizi (e) u (l).</u>

7. Skond ir-ritrattandi, inoltre, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza li hija tat, applikat il-ligi hazin. Wara li sabet li kien hemm htija attribwibbli lis-socjeta` attrici fl-operat taghha li kienet tirrendiha possibli ghall-hlas ta' danni versu l-konvenuti appellanti, il-Qorti ta' l-Appell – dejjem skond l-appellant – kellha mbaghad "l-obbligu preciz…. li tillikwida l-istess danni fuq il-bazi tal-provi li ngiebu". Flok ma ghamlet dan, okkorrendo bin-nomina ta' perit gudizzjarju "…il-Qorti ghaddiet biex tillikwida d-danni ekwitativament minghajr ma rabtithom mal-provi li saru mill-istess konvenuti dwar dawn id-danni".

8. Din il-Qorti, kwantu ghas-sub-inciz (e) tal-Artikolu 811, tibda billi tirrileva li l-produzzjoni ta' provi in sostenn ta' xi fatt, premessa jew eccezzjoni f'kawza tispetta unikament u tinkombi fuq dik il-parti fil-kawza li ghandha l-interess li taghmel dik il-prova. Certament ma taqax fid-dmirijiet tal-gudikant li jkun qieghed jisma' l-kawza jew tal-Qorti. Jekk tassew kien hemm, f'xi stadju tal-kawza, il-htiega li jigi nominat perit, allura l-konvenuti kien messhom ghamlu talba <u>ad hoc</u>. Pero`, bir-rispett kollu lejn il-parti ritrattanda, din il-Qorti, bhal Qorti ta' qabilha, ma tarax x'utilita` kien hemm li jigi nominat perit meta lilha kien gja` rrizultalha li "l-appellanti naqsu mhux biss illi adegwatament jillustraw u jikkwantifikaw ix-xorta ta' inadempjenza kontrattwali li allegatament arrekatilhom danni imma naqsu li jissodisfaw lill-Qorti illi l-inadempjenza kontrattwali allegata kienet determinata fir-rigward tan-non-pagament ta' l-ammont gustament pretiz mis-socjeta` appellanti ghall-merkanzija konsenjata". Quddiem dan kollu, sija l-Ewwel Qorti kif ukoll dik ta' l-appell, huma setghu jew jiddeciedu li in mankanza ta' provi kontrih da parti tal-konvenut dwar danni ma jillikwidawlhom l-ebda ammont, jew inkella, in vista tal-fatti u provi fl-istat li kienu migjuba quddiemhom, jillikwidaw <u>arbitrio boni viri</u> ammont li fil-fehma taghhom kien jirrispekkja l-entita` ta' l-imsemmija danni. L-Ewwel

Qorti ghazlet it-tieni metodu u l-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat dan l-ammont hekk likwidat. Fejn hija allura l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12?

9. Kif jinghad fis-sentenza gja` citata supra fl-ismijiet Barbara –vs- Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatt tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-sub-inciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b’mod hazin. Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati fis-sentenza attakkata. Illi ghalhekk ukoll dan l-aggravju taht s-sub-inciz (e) ta’ l-Art. 811 qed jigi respint ghaliex huwa manifestament wiehed proceduralment u fattwalment infondat.

10. Mill-istess argumenti migjubin ghall-fini tas-sub-inciz (e) ta’ l-Artikolu 811, ir-ritrattandi rravizaw ukoll difett addizzjonali fl-istess sentenza impunjata a tenur tas-sub-inciz (l) li jipprovdi li sentenza hija wkoll suggett ta’ ritrattazzjoni meta din tkun effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Skond ir-ritrattandi, d-dicitura adoperata mill-Qorti ta’ l-Appell biex teskludi l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-istess atturi kienu inadempjenti kien “jikkozza dijametrikalment ma’ l-istess posizzjoni tal-Qorti fejn laqghet il-kontro-talba”.

Din il-Qorti ghal darba ohra jkollha tesprimi ruhha fis-sens li ma tikkondividix l-argumenti u l-fehma tar-ritrattandi. Fl-ewwek lok, taqbel jew ma taqbilx ma kif argumentat il-Qorti ta’ l-Appell u kif din finalment iddecidiet, ma jirrizultax illi kien hemm xi “zball” ta’ fatt fis-sens imsemmi mil-ligi. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet Camilleri –vs-

Bezzina (Koll. Vol. XLIII – 1 – 264) biex ikun hemm "zball" taht is-sub-inciz (e)
"jehtieg li jkun manifest u li ikun iddetermina d-decizjoni, igifieri li s-sentenza vvizzjata b'dak l-izball ma tistax tigi sanata minn xi ragjonamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata…… Ghalhekk, anki jekk per mera ipotesi, wiehed kellu jsostni li l-interpretazzjoni u l-apprezzament li tat il-Qorti kienu zbaljati, xorta wahda l-istess gudizzji m'humiex censurabbli ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni taht dana l-inciz billi l-istess gudizzju jappartjeni ghall-konvinciment insidikabbli tal-Qorti li esprimiethom".

11. Fil-kaz sotto-ezami kien jidher wisq ovvju u evidenti fejn riedet tasal il-Qorti ta' l-Appell. Imqar jekk fil-mod kif hija bbilancjat u ghaddiet in rassenja l-argumenti u l-provi ta' naha u ta' ohra seta' deher certu grad ta' titubanza pero` d-direzzjoni tal-Qorti kienet wahda ben determinata u ma kien fiha l-ebda "zball" bhax-xorta rikjest fis-sub-inciz (l) ta' l-Artikolu 811.

Il-punt li dwaru ddecidiet il-Qorti ta' l-Appell kien wiehed ikkontestat u dik il-Qorti, wara li ddeliberat dwaru, tat id-decizjoni taghha. Fil-kawza fl-ismijiet : Isidoru Agius –vs- Giuseppi Bugeja li giet deciza fit-13 ta' Gunju, 1995, mill-Qorti ta' l-Appell, gie in fatti ritenut li,
"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni impunjata, mhux ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni."

Huwa fatt car li l-allegat "zball", li dwaru qeghdin jillamentaw il-konvenuti ritrattandi, kien punt ta' kontestazzjoni bejn il-kontendenti u li gie determinat bis-sentenza li r-ritrattandi qeghdin issa jintentaw li jimpunjaw.

Illi ghalhekk ukoll isegwi li anke taht dawn iz-zewg sub-inicizi, igifieri (e) u (l) ta' l-Artikolu 811, l-aggravju tar-ritrattandi huwa infondat u qed jigi respint.

<u>L-ahhar motiv ta’ ritrattazzjoni bbazat fuq l-Artikolu 811 sub-incizi (f) u (g).</u>

12. Illi minbarra s-sub-incizi ta’ l-Artikolu 811 fuq imsemmijin, ir-ritrattandi fl-ahhar tar-rikos promotorju taghhom jergghu jaghmlu accenn ghas-sub-inciz (e) u mbaghad isemmu wkoll zewg sub-incizi ohrajn, igifieri dawk bl-ittri (f) u (g) ta’ l-Artikolu 811. Frankament, minkejja li r-ritrattandi juzaw xi partijiet minn dawn is-sub-incizi, ftit li xejn jespandu fuqhom. Fir-realta` hemm raguni ghal dan in-nuqqas da parti tar-ritrattandi, igifieri dik li bl-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni, u wisq anqas ta’ argumenti sodi, ma jista’ jigi ritenut la li s-sentenza nghatat fuq haga li ma kenitx imdahhla fit-talba u lanqas li bis-sentenza gie moghti izjed minn dak li ntalab. L-ammonti li jirrizultaw dovuti u dawk li m’humiex dovuti jissemmew kjarament fis-sentenza impunjata u kull ammont hekk imsemmi, imqar jekk parti ma qablitx mal-motivazzjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell, jinkwadra ruhu fl-ambitu tat-talbiet tas-socjeta` attrici kif dakinhar rapprezentata u fil-kontro-talbiet proposti mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-aggravju taht dan l-ahhar motiv ibbazat fuq is-sub-incizi (f) u (g), b’riferenza ghas-sub-inciz (e), qieghed ukoll jigi ddikjarat bhala wiehed legalment infondat u qieghed jigi respint.

13. Fl-ahharnett tajjeb li jigi osservat li kif intqal fil-kawza fl-ismijiet <u>Bencini vs Zammit Pace</u> (Koll. Vol. LXXX-11-391).

“Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima <u>res iudicata pro veritate habetur</u>. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista’ jerga’ jiftah il-kawza u b’hekk, indirettament johloq ghalih

tribunal tat-tielet istanza li mhix permessa mil-ligi" (ara wkoll Causon –vs- Portelli, Koll. Vol. LXXX – 2 – 464).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tirrespingi t-talba ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001, fis-sens mitlub fir-rikors tar-ritrattazzjoni ta' l-4 ta' Jannar, 2002, u konsegwentement, tirrespingi wkoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, kif mitlub fl-istess rikors.

L-ispejjez kollha gudizzjarji relativi ghal dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati mir-ritrattandi konvenuti Mary sive Marlene u Antonio, konjugi Mizzi; dawk ta' l-appell jibqghu kif gja` deciz minn dik il-Qorti fis-sentenza taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------